# SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Ewwel Awla)

17 ta' Marzu 2011 *

Fil-Kawża C-275/09,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 234 KE, imressqa mir-Raad van State (il-Belġju), permezz ta' deċiżjoni tal-14 ta' Lulju 2009, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fil-21 ta' Lulju 2009, fil-proċedura

**Brussels Hoofdstedelijk Gewest,**

**Pieter De Donder,**

**Fernande De Becker,**

**Katrien Colenbie,**

**Philippe Hutsenbaut,**

**Bea Kockaert,**

* Lingwa tal-kawża: l-Olandiż.

**VZW Boreas,**

**Frédéric Petit,**

**Stéphane de Burbure de Wezembeek,**

**Lodewijk Van Dessel,**

vs

**Vlaams Gewest,**

fil-preżenza ta':

**The Brussels Airport Company NV,**

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Ewwel Awla),

komposta minn A. Tizzano, President tal-Awla, J.-J. Kasel, A. Borg Barthet, M. Ilešič u M. Berger (Relatur), Imħallfin,

Avukat Ġenerali: P. Mengozzi,
Reġistratur: C. Strömholm, Amministratur,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tas-6 ta' Ottubru 2010,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

— għal Brussels Hoofdstedelijk Gewest, minn F. Tulkens u J. Mosselmans, avukati,

— għal F. De Becker, K. Colenbie, P. Hutsenbaut, B. Kockaert kif ukoll VZW Boreas, minn I. Larmuseau u H. Schoukens, avukati,

— għal F. Petit, minn J. Verstraeten u S. Vanthienen, avukati,

— għal S. de Burbure de Wezembeek, minn M. Denys, avukat,

— għal L. Van Dessel, minn P. Flamey u P.-J. Vervoort, avukati,

— għal Vlaams Gewest, minn J. Vanpraet u S. Ronse, avukati,

— għal The Brussels Airport Company NV, minn D. Ryckbost u A. Lippens, avukati,

— għall-Gvern Taljan, minn G. Palmieri, bħala aġent, assistit minn G. Fiengo, avvocato dello Stato,

— għall-Gvern Awstrijak, minn E. Riedl, bħala aġent,

— għall-Kummissjoni Ewropea, minn P. Oliver, J.-B. Laignelot u B. Burggraaf, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tas-17 ta' Novembru 2010,

tagħti l-preżenti

## Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-punt 7(a), tal-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill 85/337/KEE, tas-27 ta' Ġunju 1985, dwar l-istima tal-effetti ta' ċerti proġetti pubbliċi u privati fuq l-ambjent (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol 1, p. 248) kif emendata bid-Direttiva tal-Kunsill 97/11/KE, tat-3 ta' Marzu 1997 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol 3, p. 151, iktar 'il quddiem id-"Direttiva 85/337").

2 Din it-talba ġiet ippreżentata fil-kuntest ta' kawża bejn, minn naħa, il-Brussels Hoofdstedelijk Gewest (ir-Reġjun tal-Kapitali Brussell) u diversi rikorrenti oħra u, min-naħa l-oħra, il-Vlaams Gewest (ir-Reġjun Fjamming), rigward deċiżjoni dwar it-tħaddim tal-ajruport nazzjonali ta' Brussell.

**Il-kuntest ġuridiku**

*Id-dritt tal-Unjoni*

3 L-Artikolu 1(2) tad-Direttiva 85/337 jipprevedi:

"Għall-finijiet ta' din id-Direttiva:

'proġett' tfisser:

— l-eżekuzzjoni ta' xogħlijiet ta' bini jew ta' stallazjonijiet jew skemi oħra,

— interventi oħra fil-madwar u pajsaġġ naturali inklużi dawk li jimplikaw l-estrazzjoni ta' riżorsi naturali;

[...]

‘permess għal żvilupp’ tfisser:

id-deċiżjoni ta’ l-awtorità jew l-awtoritajiet kompetenti li tagħti d-dritt lill-iżviluppatur biex jipproċedi bil-proġett.”

4 Skont l-ewwel sentenza tal-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 85/337 “[l-]Istati Membri għandhom jadottaw il-miżuri kollha meħtieġa sabiex jiżguraw illi, qabel ma jingħata l-approvazzjoni, il-proġetti li x’aktarx ikun sejjer ikollhom impatt sinifikanti fuq l-ambjent bis-saħħa, fost ħwejjeġ oħra, tan-natura, id-daqs u l-lokazzjoni tagħhom jiġu magħmula soġġetti għall-ħtieġa li jkun hemm il-kunsens/approvazzjoni għall-iżvilupp u stima rigward l-effetti tagħhom.”

5 Il-proġetti kkonċernati huma ddefiniti fl-Artikolu 4 tad-Direttiva 85/337. Din id-dispożizzjoni tagħmel distinzjoni bejn il-proġetti elenkati fl-Anness I li għandhom ikunu suġġetti għal evalwazzjoni tal-effetti fuq l-ambjent, u l-proġetti elenkati fl-Anness II, li għalihom l-Istati Membri għandhom jiddeterminaw, fuq bażi każ b’każ jew fuq il-bażi ta’ limiti jew kriterji stabbiliti mill-Istat Membru, jekk il-proġett għandu jew jekk ma għandux jiġi ssuġġettat għal evalwazzjoni.

6 Il-punt 7(a) tal-Anness I tad-Direttiva 85/337 jipprovdi għal “bini ta’ [...] ajruporti b’tul bażiku tar-runway ta’ 2 100 m jew iktar”.

7 L-ewwel inċiż tal-punt 13 tal-imsemmi Anness II ikopri “[k]ull bidla jew estensjoni tal-proġetti mniżżla fil-lista tal-Anness I jew l-Anness II, diġà aworizzati, imwettqa jew fil-proċess tat-twettiq, li jista’ jkollhom effetti avversi sinifikanti fuq l-ambjent”.

*Id-dritt nazzjonali*

8 Is-sistema regolatorja applikabbli fi Vlaams Gewest tagħmel distinzjoni bejn "permess urban", li jippermetti t-twettiq ta' ċerti xogħlijiet, u "permess ambjentali", li jawtorizza t-tmexxija ta' stabbiliment ikklassifikat bħala inkonvenjenti.

9 L-għoti ta' permess ambjentali, li l-validità tiegħu hija dejjem limitata fiż-żmien, hija rregolata mid-Digriet tal-Parlament ta' Vlaams, tat-28 ta' Ġunju 1985, dwar il-permessi ambjentali, supplimentat minn digriet ta' implementazzjoni tal-Gvern ta' Vlaams tas-6 ta' Frar 1991.

10 Mid-dħul fis-seħħ fl-1 ta' Mejju 1999, ta' lista ta' klassifikazzjoni ġdida, kif emendata permezz ta' deċiżjoni tal-Gvern ta' Vlaams tat-12 ta' Jannar 1999, "l-artijiet għal ajruport b'runway [...] ta' mill-inqas 1 900 metru" huma kklassifikati bħala stabbilimenti inkonvenjenti li jeħtieġu għoti ta' permess ambjentali.

## Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

11 L-ajruport nazzjonali ta' Brussell, li jinsab fir-reġjun ta' Vlaams, għandu tliet runways ta' iktar minn 2 100 metru. Dan ilu jeżisti għal diversi snin, iżda t-tmexxija tiegħu hija suġġetta għall-għoti ta' permess ambjentali sa mill-1999.

12 Il-permess ambjentali ġie mogħti fl-1 ta' Frar 2000 għal perijodu ta' ħames snin. Dan il-permess, li jistabbilixxi standards prinċipalment tal-ħoss, ġie emendat tliet darbiet, fis-sens ta' tnaqqis ikbar fil-kwantità totali tal-ħoss. Il-qorti tar-rinviju tindika li ma jirriżultax mill-atti li dan il-permess jew l-emendi sussegwenti tiegħu ġew sottoposti għal xi evalwazzjoni tal-effetti fuq l-ambjent.

13 Fil-5 ta' Jannar 2004, The Brussels Airport Company NV kienet ippreżentat applikazzjoni għal permess ambjentali għat-tħaddim kontinwu tal-ajruport u t-tibdil tiegħu, li jirrigwarda ż-żieda ta' plottijiet.

14 Fit-8 ta' Lulju 2004, il-kumitat permanenti tal-kunsill provinċjali tal-Vlaams-Brabant approva l-permess mitlub rigward l-operazzjoni tal-ajruport, filwaqt li rrifjuta l-applikazzjoni għall-estensjoni tiegħu. F'dak li jirrigwarda l-implementazzjoni ta' evalwazzjoni tal-effetti fuq l-ambjent, dan il-kumitat permanenti kkunsidra li din ma kinitx meħtieġa.

15 Ġie ppreżentat appell amministrattiv kontra din id-deċiżjoni. Ir-rikorrenti sostnew, b'mod partikolari li evalwazzjoni tal-effetti fuq l-ambjent għandha tiġi annessa mat-talba għal permess ambjentali.

16 Fit-30 ta' Diċembru 2004, il-Ministru tax-Xogħlijiet Pubbliċi, tal-Enerġija, tal-Ambjent u tan-Natura ta' Vlaams ikkonferma din id-deċiżjoni tal-kumitat permanenti tal-kunsill provinċjali tal-Vlaams-Brabant. Huwa qies li l-tlestija ta' evalwazzjoni tal-effetti fuq l-ambjent ma kinitx meħtieġ fid-dawl kemm tal-leġiżlazzjoni ta' Vlaams kif ukoll tad-Direttiva 85/337.

17 Il-Brussels Gewest Hoofdstedelijk u diversi rikorrenti oħra ppreżentaw appell quddiem ir-Raad van State kontra din id-deċiżjoni konfermatorja. Huma argumentaw li hija vvizzjata bi żball peress li l-għoti ta' permess ambjentali kien suġġett għat-tlestija ta' evalwazzjoni tal-effetti fuq l-ambjent u dan l-obbligu ma ġiex sodisfatt.

18 F'dawn iċ-ċirkustanzi, ir-Raad van State iddeċieda li jissospendi l-proċeduri u li jagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja s-segwenti domandi preliminari:

"1) Meta permessi differenti għal żvilupp huma meħtieġa, minn naħa, għal xogħlijiet infrastrutturali ta' ajruport b'tul bażiku tar-runway ta' 2 100 metru jew iktar, u, min-naħa l-oħra, għat-tħaddim ta' dan l-ajruport, u dan il-permess ta' żvilupp tal-aħħar — il-permess ambjentali — jingħata biss għal perijodu speċifikat, it-terminu 'bini', imsemmi fil-paragrafu 7(a) tal-Anness I tad-[Direttiva 85/337/KEE] għandu jiġi interpretat li għandha ssir stima tal-impatt ambjentali mhux biss sabiex isiru x-xogħlijiet ta' infrastruttura iżda wkoll għat-tħaddim tal-ajruport?

2) Din l-istima obbligatorja tal-impatt ambjentali hija meħtieġa wkoll għat-tiġdid tal-permess ambjentali għall-ajruport, kemm fil-każ fejn dan it-tiġdid ma jinkludix xi bidla jew estensjoni għat-tħaddim tal-ajruport u kif ukoll fejn tali bidla jew estensjoni hija fil-fatt maħsuba?

3) Jagħmel differenza għall-istima obbligatorja tal-impatt ambjentali fil-kuntest tat-tiġdid ta' permess ambjentali għal ajruport jekk stima tal-impatt ambjentali tkunx saret qabel, fir-rigward ta' permess preċedenti għat-tħaddim tal-ajruport, u jekk

l-ajruport kienx diġà qed jitħaddem fiż-żmien meta l-istima tal-impatt ambjentali ġiet imdaħħla mil-leġiżlatur Ewropew jew minn dak nazzjonali?"

**Fuq id-domandi preliminari**

19 Sabiex tingħata risposta għal dawn id-domandi, li għandhom jiġu eżaminati flimkien, jaqbel li jiġi stabbilit jekk it-tħaddim ta' ajruport jistax jikkostitwixxi "proġett", skont it-termini tal-Artikolu 1(2), tad-Direttiva 85/337 u, f'każ ta' risposta fl-affermattiv, jekk tali proġett jaqax taħt dawk elenkati fl-Annessi I u II ta' din id-direttiva.

20 Kif rrilevat il-Qorti tal-Ġustizzja fil-punt 23 tas-sentenza tagħha tat-28 ta' Frar 2008, Abraham *et* (C-2/07, Ġabra p. I-1197), fil-fatt mill-kliem stess tal-Artikolu 1(2) tad-Direttiva 85/337 jirriżulta li l-kelma "proġett" tkopri xogħlijiet jew interventi fiżiċi.

21 Madankollu, huwa espressament imsemmi fid-deċiżjoni tar-rinviju, li l-miżura li tikkostitwixxi s-suġġett tal-kawża prinċipali hija limitata għat-tiġdid ta' permess eżistenti għat-tħaddim tal-ajruport nazzjonali ta' Brussell, fl-assenza ta' xogħlijiet jew interventi li jbiddlu r-realtà fiżika tas-sit.

22 Xi wħud mir-rikorrenti fil-kawża prinċipali, madankollu, argumentaw li l-kunċett ta' intervent fiżiku għandu jiġi mifhum b'mod ġenerali fis-sens ta' kwalunkwe intervent fl-ambjent naturali. Huma jinvokaw f'dan ir-rigward il-punti 24 u 25 tas-sentenza tas-7 ta' Settembru 2004, Waddenvereniging u Vogelbeschermingsvereniging (C-127/02,

Ġabra p. I-7405), fejn il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li attività bħalma hija dik tas-sajd għall-arzell li jsir b'mod mekkaniku hija inkluża fil-kunċett ta' "proġett" kif definit fit-tieni inċiż tal-Artikolu 1(2) tad-Direttiva 85/337.

23 Dan l-argument ma jistax jintlaqa'. Fil-fatt, kif osserva l-Avukat Ġenerali fil-punt 22 tal-konklużjonijiet tiegħu, l-attività inkwistjoni fil-kawża li wasslet għal din is-sentenza tista' titqies bħala simili għall-isfruttament ta' riżorsi minerali, attività speċifikament imsemmija fit-tieni inċiż tal-Artikolu 1(2), tad-Direttiva 85/337, u timplika bidliet fiżiċi reali f'qiegħ il-baħar.

24 Minn dan isegwi li t-tiġdid ta' permess eżistenti li jiġi operat ajruport jista', fin-nuqqas ta' xogħlijiet jew interventi li jbiddlu r-realtà fiżika tas-sit, jiġi kklassifikat bħala "proġett", fit-termini tat-tieni inċiż tal-Artikolu 1(2) tad-Direttiva 85/337.

25 Għandu jingħad ukoll li fi kwalunkwe każ l-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 85/337 ma jeżiġix li kull proġett li jista' jkollu impatt sinjifikattiv fuq l-ambjent għandu jkun suġġett għall-proċedura ta' evalwazzjoni li din id-direttiva tipprevedi, iżda li għandhom ikunu hekk suġġetti dawk il-proġetti biss li jissemmew fl-Annessi I u II tal-imsemmija direttiva (digriet tal-10 ta' Lulju 2008, Aiello *et*, C-156/07, Ġabra p. I-5215, punt 34).

26 F'dan ir-rigward, għandu jiġi osservat, kif għamel l-Avukat Ġenerali fil-punt 26 tal-konklużjonijiet tiegħu, li t-terminu "bini" użat fil-punt 7(a) tal-Anness I tad-Direttiva 85/337 ma huwiex ambigwu u li għandu jinftiehem fis-sens normali tiegħu, jiġifieri li jirreferi għall-eżekuzzjoni ta' xogħlijiet li ma kinux jeżistu qabel jew bidliet, fis-sens fiżiku, ta' xogħlijiet li kienu diġà jeżistu.

27 Huwa minnu li l-Qorti tal-Ġustizzja, fil-ġurisprudenza tagħha, tat interpretazzjoni wiesgħa tal-kunċett ta' "bini" meta aċċettat li xogħlijiet li jirrigwardaw it-trasformazzjoni ta' triq eżistenti jistgħu jkunu ekwivalenti, fil-portata tagħhom u l-modalità tagħhom, għall-bini ta' triq ġdida (sentenza tal-25 ta' Lulju 2008, Ecologistas en Acción-CODA, C-142/07, Ġabra p. I-6097, punt 36). Bl-istess mod hija interpretat id-dispożizzjonijiet tal-punt 13 tal-Anness II tad-Direttiva 85/337, moqrija flimkien ma' dawk tal-punt 7 tal-Anness I tagħha, fis-sens li dawn japplikaw ukoll għal modifika mwettqa lill-infrastruttura ta' ajruport eżistenti mingħajr ma tiġi mtawla r-runway, sakemm dawn jistgħu jiġu meqjusa, b'mod partikolari min-natura, l-importanza u l-karatteristiċi tagħhom, bħala modifka tal-ajruport stess (sentenza Abraham *et*, iċċitata iktar 'il fuq, punt 40).

28 Madankollu, huwa ċar mill-qari ta' dawn is-sentenzi li, f'kull kawża li tat lok għalihom, kien hemm involuti xogħlijiet fiżiċi, xi ħaġa li, skont l-informazzjoni mogħtija mill-qorti tar-rinviju, hija assenti fil-kawża prinċipali.

29 Madankollu, kif irrileva l-Avukat Ġenerali fil-punt 28 tal-konklużjonijiet tiegħu, waqt illi jirriżulta minn ġurisprudenza stabbilita li l-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 85/337 huwa wiesa' u li l-iskop tiegħu huwa wiesa' ħafna (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi Abraham *et*, punt 32, kif ukoll Ecologistas en Acción-CODA, punt 28), interpretazzjoni teleoloġika ta' din id-direttiva, madankollu, ma titbegħidx mill-intenzjoni espressa kjarament mil-leġiżlatur tal-Unjoni.

30 Minn dan isegwi li, f'kull każ, it-tiġdid ta' permess eżistenti li jiġi operat ajruport jista', fin-nuqqas ta' xogħlijiet jew interventi li jbiddlu r-realtà fiżika tas-sit, jiġi kklassifikat bħala "bini" skont il-punt 7(a) tal-Anness I tad-Direttiva 85/337.

31 Għandu madankollu jiġi rrilevat li fil-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, u b'mod partikolari waqt is-seduta, xi wħud mir-rikorrenti fil-kawża prinċipali argumentaw li, sa mill-iskadenza tat-terminu ta' traspożizzjoni tad-Direttiva 85/337, twettqu modifiki fl-infrastruttura tal-ajruport nazzjonali ta' Brussell mingħajr ma saret evalwazzjoni tal-effetti fuq l-ambjent

32 F'dan il-kuntest, għandu jitfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, permess, bħal dak fil-kawża prinċipali, li ma jirrigwardax formalment attività suġġetta għal evalwazzjoni tal-effetti fuq l-ambjent fis-sens tal-Annessi I u II tad-Direttiva 85/337 jista' madanakollu jirrikjedi li ssir tali evalwazzjoni, jekk din il-miżura hija stadju fi proċedura mmirata sabiex, fi tmiemha, tawtorizza l-eżekuzzjoni ta' attività li tikkostitwixxi proġett fis-sens tal-Artikolu 2(1) ta' din id-direttiva (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Abraham *et*, iċċitata iktar 'il fuq, punt 25).

33 Skont din l-istess ġurisprudenza, meta d-dritt nazzjonali jipprovdi għal proċedura ta' kunsens f'diversi stadji, l-evalwazzjoni tal-effetti ta' proġett fuq l-ambjent għandha, fil-prinċipju, issir kemm jista' jkun malajr biex jiġu identifikati u evalwati l-effetti kollha li dan il-proġett jista' jkollu fuq l-ambjent (ara s-sentenzi tas-7 ta' Jannar 2004, Wells, C-201/02, Ġabra p. I-723, punt 53, kif ukoll Abraham *et*, iċċitata iktar 'il fuq, punt 26). F'dan ir-rigward, ġie wkoll ikkonstatat li dispożizzjoni nazzjonali li tipprevedi li evalwazzjoni tal-effetti fuq l-ambjent tista' ssir biss fl-istadju inizjali tal-proċess tal-ħruġ ta' permess u mhux fi stadju iktar tard, ma hijiex kompatibbli mad-Direttiva 85/337 (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-4 ta' Mejju 2006, Il-Kummissjoni vs Ir-Renju Unit, C-508/03, Ġabra p. I-3969, punti 105 u 106).

34 Għaldaqstant, f'din il-kawża hemm lok li jiġi indikat lill-qorti tar-rinviju li, fid-dawl tal-ġurisprudenza mfakkra fil-punti 27, 32 u 33 ta' din is-sentenza, hija għandha l-obbligu li, abbażi tal-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli, tiddetermina jekk deċiżjoni bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali tistax titqies bħala stadju fi proċedura ta'

kunsens f'diversi stadji intiża sabiex twassal, fi tmiemha, għat-twettiq ta' attivitajiet li jikkostitwixxu proġett fis-sens tad-dispożizzjonijiet rilevanti tad-Direttiva 85/337.

35 Għall-finijiet ta' eżami tal-fatti, huwa meħtieġ li jitfakkar lill-qorti tar-rinviju li l-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li x-xogħlijiet ta' modifika mwettqa fl-infrastruttura ta' ajruport eżistenti mingħajr ma tiġi mtawla r-runway li jaqgħu taħt id-dispożizzjonijiet tal-punt 13 tal-Anness II tad-Direttiva 85/337, moqrija flimkien ma' dawk tal-punt 7 tal-Anness I tal-istess, jistgħu jiġu meqjusa, b'mod partikolari min-natura, l-importanza u l-karatteristiċi tagħhom, bħala modifika tal-ajruport stess (sentenza Abraham *et*, ċċitata iktar 'il fuq, punt 40).

36 Il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat ukoll li l-għan tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni ma jistax ikun evitat permezz ta' qsim tal-proġetti u li n-nuqqas ta' teħid inkunsiderazzjoni tal-effett kumulattiv tagħhom ma għandux ikollu bħala riżultat, fil-prattika, li fit-totalità tagħhom dawn jistgħu jevitaw l-obbligu ta' evalwazzjoni meta, meħudin flimkien, dawn jistgħu jkollhom effetti sinjifikattivi fuq l-ambjent skont l-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 85/337 (sentenza Abraham *et*, iċċitata iktar 'il fuq, punt 27).

37 Fil-każ li jirriżulta li, mid-dħul fis-seħħ tad-Direttiva 85/337, xogħlijiet jew interventi fiżiċi li għandhom jiġu kkunsidrati bħala proġett fis-sens ta' din id-direttiva saru fuq is-sit tal-ajruport mingħajr ma jkunu saru l-evalwazzjonijiet tal-effetti fuq l-ambjent tagħhom fi stadju preċedenti għall-proċess tal-ħruġ tal-permess, huwa l-obbligu tal-qorti tar-rinviju li tieħu inkunsiderazzjoni ta' dan fl-istadju ta' ħruġ tal-permess għat-tħaddim u li tiżgura l-effettività ta' din id-direttiva billi tiżgura li tali evalwazzjoni ssir tal-inqas f'dan l-istadju tal-proċedura.

38 Għaldaqstant, ir-risposta li għandha tingħata għad-domandi magħmula għandha tkun li t-tieni inċiż tal-Artikolu 1(2) tad-Direttiva 85/337 u l-punt 7 tal-Anness I ta' dan għandhom jiġu interpretati fis-sens li:

— t-tiġdid ta' permess eżistenti li jiġi operat ajruport ma jistax, fin-nuqqas ta' xogħlijiet jew interventi li jbiddlu r-realtà fiżika tas-sit, ikun rispettivament ikklassifikat bħala "proġett" jew "bini" fis-sens ta' dawn id-dispożizzjonijiet;

— madankollu, hija l-qorti tar-rinviju li għandha tiddetermina, abbażi tal-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli u billi tieħu inkunsiderazzjoni, fejn xieraq, l-effett kumulattiv ta' diversi xogħlijiet jew interventi magħmula mid-dħul fis-seħħ ta' din id-direttiva, jekk dan il-permess huwiex parti minn proċedura ta' kunsens f'diversi stadji intiża sabiex twassal, fi tmiemha, għat-twettiq ta' attivitajiet li jikkostitwixxu proġett fis-sens tal-ewwel inċiż tal-punt 13 tal-Anness II moqri flimkien mal-punt 7 tal-Anness I tiegħu. Fin-nuqqas ta' evalwazzjoni tal-effetti fuq l-ambjent ta' tali xogħol jew ta' interventi fl-istadju preċedenti għall-proċess tal-ħruġ tal-permess, huwa l-obbligu tal-qorti tar-rinviju li tiżgura l-effettività tad-Direttiva billi tiżgura li tali evalwazzjoni ssir tal-inqas fl-istadju tal-ħruġ tal-permess għat-tħaddim.

**Fuq l-ispejjeż**

39 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) taqta' u tiddeċiedi:

**L-Artikolu 1(2) u l-punt 7 tal-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill 85/337/KEE, tas-27 ta' Ġunju 1985, dwar l-istima tal-effetti ta' ċerti proġetti pubbliċi u privati fuq l-ambjent, kif emendata bid-Direttiva tal-Kunsill 97/11/KE, tat-3 ta' Marzu 1997, għandhom jiġu interpretati fis-sens li:**

— **it-tiġdid ta' permess eżistenti li jiġi operat ajruport ma jistax, fin-nuqqas ta' xogħlijiet jew interventi li jbiddlu r-realtà fiżika tas-sit, ikun rispettivament ikklassifikat bħala "proġett" jew "bini" fis-sens ta' dawn id-dispożizzjonijiet;**

— **madankollu, hija l-qorti tar-rinviju li għandha tiddetermina, abbażi tal-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli u billi tieħu inkunsiderazzjoni, fejn xieraq, l-effett kumulattiv ta' diversi xogħlijiet jew interventi magħmula mid-dħul fis-seħħ ta' din id-direttiva, jekk dan il-permess huwiex parti minn proċedura ta' kunsens f'diversi stadji intiża sabiex twassal, fi tmiemha, għat-twettiq ta' attivitajiet li jikkostitwixxu proġett fis-sens tal-ewwel inċiż tal-punt 13 tal-Anness II, moqri flimkien mal-punt 7 tal-Anness I tiegħu. Fin-nuqqas ta' evalwazzjoni tal-effetti fuq l-ambjent ta' tali xogħol jew ta' interventi fl-istadju preċedenti għall-proċess tal-ħruġ tal-permess, huwa l-obbligu tal-qorti tar-rinviju li tiżgura l-effettività tad-Direttiva billi tiżgura li tali evalwazzjoni ssir tal-inqas fl-istadju tal-ħruġ tal-permess għat-tħaddim.**

Firem